**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 099/2018**

**FR ("l-ilmentatur")**

**vs**

***Crystal Finance Investments Ltd.* (C26761)**

**("il-provditur tas-servizz"/"*Crystal*")**

**Seduta tal-11 ta' Novembru 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jissottometti li hu garrab telf minn investiment li kellu fid-*9.5% GOL Luxco SA 2018* mibjugh lilu minn *Crystal Finance Investments Limited.*

L-ilmentatur jghid li fis-sena 2013, hu kien investa s-somma ta' madwar USD 59,000 f'*bonds* li jgibu l-isem ta' *7.5% GOL Finance 2007-2017.* Fis-sena 2016, hu gie infurmat li minhabba ristrutturar fil-kumpanija *GOL Linhas Aereas Inteligentes*, dan il-*bond* gie mibdul f'*bond 9.5% GOL Luxco SA 2018.* Izda, hu tenna li meta nxtara dan il-*bond* il-gdid, wara li wiehed jara l-ammont u l-valur tal-*units* ta' dan l-istess *bond*, ghamel telf ta' madwar USD 28,000, fejn dan l-agir gie ggustifikat mill-provditur tas-servizz minhabba l-fatt li *"kien hemm sitwazzjoni finanzjarja soda li kienet tiflah din it-tranzazzjoni."*

L-ilmentatur insista li hu qatt ma gie mgharraf b'din is-sitwazzjoni ta' telf ta' *units* li kieku kellu jinxtara dan il-*bond* il-gdid.

L-ilmentatur sostna li kien hemm nuqqas mill-provditur tas-servizz fil-konfront tieghu ghaliex kien obbligu tal-istess provditur tas-servizz li jinfurmah b'mod

mill-aktar dettaljat bit-tranzazzjonijiet li jkunu ser isiru f'ismu jew permezz tal-fondi tieghu, haga li f'dan il-kaz ma twettqitx.

Barra minn hekk, hu indika li kien wara li permezz ta' ittra ta' ilment datata 15 ta' Frar 2018, u mibghuta lill-provditur tas-servizz fejn kien gie eventwalment infurmat li dan tal-ahhar kien ircieva pagament iehor f'ismu fl-ammont ta' USD15,726, u, ghalhekk, johrog bic-car li kieku ma kienx hu stess li ha l-inizzjattiva li jara bl-ahjar mod possibbli skont l-gharfien tieghu, x'kienet is-sitwazzjoni f'dan il-*bond*, kien ser isofri pregudizzju finanzjarju.

**Ra r-risposti tal-provditur tas-servizz:**

1. Illi preliminarjament, il-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bhala ***'Dok CFI01'***) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts.'*

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi illi l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni fir-rigward ta' dan il-kaz *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(b) u Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-Ilment gie mressaq b'mod tardiv u, ghaldaqstant, preskritt u m'ghandux jigi ikkunsidrat mill-Arbitru. Is-Socjetà Esponenti digà issottomettiet notifika lill-Arbitru bid-data tas-7 ta' Mejju tesprimi dan. Fil-21 ta' Mejju, ircevejna *email* minghand l-Ufficcju tal-Arbitru fejn gie notifikat li l-kaz ghandu jibqa' ghaddej.

3. Nirreferu ghall-fatti kif graw. Il-parir biex jinxtara l-*bond 7.5% Gol Finance 2017,* li fuqha qed isir l-ilment, **<u>sar fil-31 ta' Jannar 2013.</u>** Fis-sena 2016, il-kumpania ghaddiet minn ristrutturar u skont il-*corporate action* bid-data 20 ta' Gunju 2016, gie mibdul il-*bond* ezistenti li nxtara fis-sena 2013 u inghata l-*bond 9.5% GOL Luxco SA 2018.* Qed nehmzu kopja tal-*Corporate Action*. Jigifieri ma kienx hemm tranzazzjoni fuq parir *'gdid'* min-naha tas-Socjetà Esponenti, izda gie applikat dak li kien stipulat min-naha tal-***Issuer*** (*Gol Finance*). Ghalhekk ghal kull buon fini l-ilment jista' jirrigwarda biss il-parir originali tal-2013 u mhux l-ezekuzzjoni tal-

*Corporate Action* tal-2016 li dwarha is-Socjetà Esponenti ma setghet taghti l-ebda parir u ma kellha l-ebda kontroll.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjetà Esponenti tirriserva d-dritt li tidhol fil-mertu fil-proceduri liema mertu digà gie spjegat fl-ittra tal-istess Socjetà Esponenti fl-ittra taghha lill-Ilmentatur u lill-avukati tieghu fit-8 ta' Marzu 2018.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez.

B'referenza ghall-verbal tal-Arbitru tat-18 ta' Settembru 2018, il-provditur tas-servizz issottometta:

1. Illi preliminarjament, il-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bhala ***'Dok CFI01'***) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts.'*

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi illi l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni fir-rigward ta' dan il-kaz *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(b) u Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-Ilment gie mressaq b'mod tardiv u, ghaldaqstant, preskritt u m'ghandux jigi ikkunsidrat mill-Arbitru. Dan spjegat f'din in-notifika hawn taht.

3. Nirreferu ghall-fatti kif graw.

   Il-parir biex jinxtara l-*bond 7.5% Gol Finance 2017*, li fuqha qed isir l-ilment, **sar fil-31 ta' Jannar 2013.**

   Fis-sena 2016, il-kumpanija ghaddiet minn ristrutturar u skont il-***corporate action*** bid-data **20 ta' Gunju 2016**, gie mibdul b'mod mandatarju min-naha tal-*Issuer,* il-*bond* ezistenti li nxtara fis-sena 2013 u inghata l-*bond 9.5% GOL Luxco SA 2018*. Qed nehmzu kopja tal-*Corporate Action* (*Appendix* 1). Jigifieri, ma kienx hemm tranzazzjoni fuq parir '*gdid*' min-naha tas-Socjetà Esponenti, izda gie applikat dak li kien stipulat min-

naha tal-***Issuer*** (*Gol Finance*). L-Ilmentatur gie nfurmat kif sar ir-ristrutturar.

**Ghalhekk ghal kull buon fini l-ilment qed jirrigwarda biss il-parir originali tal-31 ta' Jannar 2013 u mhux l-ezekuzzjoni tal-*Corporate Action* tal-2016 li dwarha is-Socjetà Esponenti ma setghet taghti l-ebda parir u ma kellha l-ebda kontroll.**

4. Dan kollu gie spjegat u dettaljat fl-ittra li ntbaghtet lill-avukat li jirrapprezenta lill-klijent u anke lill-klijent fit-8 ta' Marzu 2018. Inghataw *breakdown* tat-tranzazzjonijiet kif sehhew, id-dettalji tal-*corporate actions* u l-hlas li sar s'issa, (kopja ta' kull hlas mehmuza hawn *Appendix* 11). Fil-fatt qligh hemm fuq il-prodott ilmentat u mhux telf. Ghaliex hemm ilment mhux car.

| | **Original Investment** | |
|---|---|---|
| Purchase | 31/01/2013 | $38,000.00 |
| Purchase | 04/09/2013 | $18,879.00 |
| Total USD invested | | $56,879.00 |
| | **Restructuring** | |
| Cash Paid | 07/07/2016 | $13,250.00 |
| Redemption 1 | 29/01/2018 | $15,726.00 |
| Redemption 2 | 22/02/2018 | $15,726.00 |
| Coupons Paid on Bond | | $15,855.42 |
| Total Payouts | | $60,557.42 |
| Gain/Loss | | $ 3,678.42 |

5. Il-komunikazzjoni fuq l-ilment s'issa saret kif gej:

15 ta' Frar 2018 – L-Ilmentatur jibghat ilment permezz ta' ittra indirizzata lis-Socjetà Esponenti, però, ghaddiet ghand is-Socjetà Esponenti fis-17 ta' Frar 2018, fejn kien qed jintalab kumpens ta' 28,000 US$. Dak iz-zmien l-ilmentatur gie ikkuntattjat biex ikun spjegat il-fatti kif graw fuq dan il-*bond.*

2 ta' Marzu 2018 – Terga' tintbaghat ittra bl-avukat fuq l-istess ilment u jerga' jintalab l-istess kumpens. Fl-istess gurnata, thallas l-ahhar pagament fuq il-*bond* ilmentat u intbaghtet ittra u rendikont li juri l-pagamenti kollha lill-istess Ilmentatur. Il-hlas dejjem sar wara li johrog minghand l-*Issuer* u jasal ghand l-Intermedjarju, mhux kif gie allegat fl-ahhar verzjoni tal-Ilment li ghadda ghand l-Ufficcju tal-Arbitru fejn qed jghid. Ma kien hemm l-ebda pregudizzju kif imsemmi.

> 3. *Illi wara li baghat dan l-ilment, FR kien gie infurmat li l-kumpanija Calamatta Cuschieri kienet irceviet pagament iehor f'isem FR fl-ammont ta' USD15,726. Ghalhekk johrog car li kieku FR ma hax l-inizjattiva li jara, bl-ahjar mod possibbli skont l-gharfien tieghu, x'kienet is-sitwazzjoni f'dan il-bond, huwa kien ser isofri pregudizzju finanzjarju.*

8 ta' Marzu 2018 – Is-Socjetà Esponenti tirrispondi lill-avukat u lill-Ilmentatur u tispjega kif graw il-fatti. Id-dettalji u kopji tal-korrispondenza fuq il-*corporate action* u pagamenti li thallsu lill-Ilmentatur regghu inghataw.

27 t'April 2018 – is-Socjetà Esponenti irceviet l-ilment ufficjali minghand l-Ufficcju tal-Arbitru.

6. Ghalkemm kien hemm komunikazzjoni kontinwa, l-Ilmentatur ipprezenta l-kaz fuq tranzazzjoni li saret fis-sena 2013 fl-Ufficcju tal-Arbitru fil-25 t'April 2018, dan wara d-data tat-18 t'April 2018. Apparti minn dan, l-Ilment li sar ghand l-Arbitru gie mibdul minn kif intbaghat ghand is-Socjetà Esponenti u dan jinkludi tibdil fil-merti u l-ammont ta' telf u kumpens li qed jigi ikkwotat. Ghaldaqstant, is-Socjetà Esponenti qed tinvoka d-drittijiet skont Artiklu 21(1)(b) u Artiklu 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjonijiet Preliminari***

*Eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 17 tat-Terms of Business Agreement*

Il-provditur tas-servizz ta eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex skont it-*Terms of Business Agreement*, Artikolu 17 tal-istess, jipprovdi li kwalunke tilwima trid tigi referuta lill-Qrati Maltin u, ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jisma' l-kaz.

L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni peress li:

i. Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;

ii. Ghaliex ukoll il-klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

Dan gie kkonfermat u elaborat f'decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd.*** **deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti irriteniet illi

*''L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandu jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju".*

Il-Qorti ziedet ukoll:

*"Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-qorti*

*meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx taghmel sens meta tqis li:*

i. *Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of Jurisdiction Clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*

ii. *Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien l-Att dwar L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi … Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix ..."*

Il-Qorti ikkonkludiet:

*"Il-Qorti hi tal-fehma li hemm cirkostanzi specjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minhabba li m'hemmx dubju li fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt hadd minnhom ma seta' kien qieghed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wiehed ad hoc bil-ghan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji ghal rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jezisti fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li ghalhekk l-appellata qatt ma setghet irrinunzjat ghalih".*

Dan kollu gie konfermat f'decizjonijiet ohra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eccezzjoni identika fosthom dik recenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd*** **tal-11 ta' Frar 2019.**

L-Arbitru jaghmel tieghu il-motivi espressi mill-Qorti tal-Appell 'il fuq imsemmija u, ghar-ragunijiet moghtija, qed jichad din l-eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni dwar nuqqas ta' kompetenza skont l-Artikolu 21(1)(b) u Artikolu 21(2)(b) hija ezawrita ghaliex inghatat decizjoni preliminari dwarha mill-Arbitru.[1]

**FIL-MERTU**

[1] *A fol.* 113 et seq

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[2]

Kemm fl-ilment tieghu, fl-*affidavit* ipprezentat u anke fix-xhieda tieghu quddiem l-Arbitru, l-ilmentatur wera certa inkonsistenza u anke semma fatti li m'humiex korretti kif ser jinghad f'din id-decizjoni.

Fl-ilment tieghu, hu sahaq li fis-sena 2013, kien investa s-somma ta' madwar USD59,000 fis-*7.5% GOL Finance 2007-2010* u huwa proprju meta qed jikkompara xi ammonti ricevuti ma' din is-somma li wasal ghal konkluzjoni tat-telf sostnut.

Izda, skont zewg *Confirmation of Purchase*[3] mahruga f'dan ir-rigward, jirrizulta li l-ammont investit originarjament kien jammonta ghal USD56,879, ekwivalenti ghal 59,000 *unit*, liema ammont gie ukoll investit f'zewg tranzazzjonijiet.

L-ilmentatur qal ukoll li fis-sena 2016, hu gie infurmat li minhabba ristrutturar fil-kumpanija *GOL Linhas Aereas Inteligentes*, il-*bond* li hu kellu gie mibdul f'*bond* iehor, *9.5% GOL Luxco SA 2018*, fejn qal ukoll li kawza tal-fatt li nxtara dan il-*bond* il-gdid, hu ghamel telf ta' madwar USD28,000 meta wiehed jara l-ammont u l-valur tal-*units* tal-*bond* il-gdid.

Hawn trid issir distinzjoni bejn l-ammont investit fi flus u l-ammont investit f'numru ta' *units*. Probabilment, l-ilmentatur wasal ghall-konkluzjoni li hu garrab telf ta' USD28,000 meta gew imqabbla n-numru ta' *units* fil-*bond* originali, jigifieri 59,000 *unit*, man-numru ta' *units* fil-*bond* hekk imsejha gdida wara li gie mhabbar ir-ristrutturar, jigifieri 31,000 *unit.*[4]

Però, jrid jinghad li ma jistax wiehed jasal ghal konkluzjoni li kien hemm telf meta jigi mqabbel l-ammont nominali ta' *bond* mal-ammont nominali ta' *bonds* ohra, ghax dan dejjem ikun qed jiddependi, fost ohrajn, mill-prezz li ghalih tkun inxtrat din l-istess *bond*.

B'referenza ukoll ghar-ristrutturar li sar mill-*issuer* tal-*bonds*, l-ilmentatur sostna li hu ma giex infurmat dwar x'ser isir bi flusu u lanqas gie mgharraf li kien ser jitlef il-*units* meta kien ser jinxtara l-*bond* il-gdid. Fuq kollox, huwa

[2] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[3] *A fol.* 90 u *a fol.* 89
[4] *A fol.* 16 u *a fol.* 17

kontinwament argumenta li kif spiccaw l-affarijiet, jigifieri li hu ha lura l-ammont investit fit-tieni *bond*, johrog car li mhuwiex minnu li l-kumpanija li harget dawn l-istess *bonds* kienet sejra hazin.

Izda, fl-istess waqt, jghid:

*"Kien ghall-habta tal-bidu tas-sena 2016 fejn Noel Debono, dejjem f'isem Crystal Finance, infurmani li l-kumpanija kienet ser taghmel restructuring u kienu baghtuli dokumenti li juri dan. Fl-istess sena, il-units li kelli nvestiti gew mibjugha u tali ammont gie investit f'bonds godda li l-istess kumpanija kienet ser tohrog, 9.5% GOL Luxco SA 2018."*[5]

Barra minn hekk, hu stess tenna li giet anke indikata lilu s-somma li kien fadal mill-ammont investit originarjament.

L-ilmentatur innifsu ikkonferma l-fatt li hu kien inghata d-dokumenti bl-informazzjoni dwar ir-ristrutturar li kien qed jigi propost u, ghalhekk, ma jistax issa jghid li ma kienx jaf x'ser jigri bi flusu. Bhala parti mill-provi pprezentati f'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz issottometta kopja ta' dokument[6] li permezz tieghu, l-*issuer* tal-*bonds,* habbar l-estensjoni u t-tibdil tal-*exchange offer* tas-*Senior Unsecured Notes* li l-kumpanija kellha, liema dokument jinkludi d-dettalji kollha.

L-ilmentatur qajjem anke d-dubju dwar dan l-istess ristrutturar u l-offerti relattivi fejn tenna:

*"... ma stajtx nifhem kif l-ewwel kienu infurmawni li l-kumpanija marret ghar-ristrutturar minhabba telf li kienet qed taghmel, u fl-istess waqt rega' investa l-*

*ammont rimanenti mill-bond originali f'din l-istess kumpanija. Haga tal-iskantament kienet illi l-bonds il-godda li kienet ser tohrog din il-kumpanija kellhom rata ahjar."*[7]

Huwa evidenti li r-ristrutturar u d-decizjonijiet rigward l-offerti li gew mal-istess ristrutturar, kienu mahruga u mehuda mill-*issuer* tal-*bond* u mhux mill-provditur tas-servizz li kien biss qieghed ibiegh dan l-istess *bond*.

[5] *A fol.* 86
[6] *A fol.* 61
[7] *A fol.* 86

Ghaldaqstant, il-provditur tas-servizz ma jistax jinzamm responsabbli dwar mistoqsijiet li potenzjalment jitqajmu dwar l-offerti mill-*issuer* wara xi ristrutturar li dan tal-ahhar kien ghaddej minnhom. Barra minn hekk, it-tranzazzjonijiet li saru ma kinux kwistjoni ta' bejgh ta' *bond* u xiri ta' *bond* iehor, izda rizultat ta' azzjoni li l-*issuer* tal-*bond* ha fuq *bonds* varji li kellu ezistenti.

Fl-*affidavit* tieghu, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz spjega li:

*"Fit-23 ta' Jannar 2018, GOL Finance iddecidiet li taghlaq il-bond u thallas lura l-obbligi fuq dan il-bond (call). Rizultat ta' dan, kien hemm zewg pagamenti ohra f'cash, wiehed sehh fid-29 ta' Jannar 2018 bl-ammont ta' $15,726 u pagament iehor ta' $15,726 sehh fit-22 ta' Frar 2018."*[8]

Ghalkemm l-ilmentatur qatt ma cahad dak li ntqal mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, hu sostna li rcieva t-tieni pagament ghax sempliciment ghamel ilment ghax inkella kien ser isofri minn pregudizzju finanzjarju. Dwar dan it-tieni pagament u l-allegazzjoni tal-ilmentatur f'dan ir-rigward, inghatat spjegazzjoni cara mill-persuna responsabbli fi hdan il-provditur tas-servizz u giet ipprezentata prova ta' dan kollu li tmur kontra dak li ntqal mill-ilmentatur.

L-ilmentatur qed jinsisti li hu ma rceviex il-kapital kollu li hu kien originarjament investa fis-sena 2013:

*"Nghid ghalija ma mxewx ma' dak li qaluli fid-dokument, Confirmation of Purchase, li qed nurih lill-Arbitru, li qieghed a fol 89 tal-process, immarkat Dok A."*[9]

Minkejja li originarjament qal li tilef is-somma ta' USD28,000, fl-*affidavit* tieghu sostna li wara li saru l-kalkoli mehtiega, mis-somma originali li kien investa fl-2013, it-telf li hu garrab kien jammonta ghal USD12,274.

**Huwa car li l-ilment hekk kif imressaq quddiem l-Arbitru jittratta l-azzjonijiet tal-*issuer* tal-*bond* wara r-ristrutturar u mhux l-azzjonijiet tal-provditur tas-servizz li biegh dan il-prodott lilu.**

Ghaldaqstant, minhabba li dan tal-ahhar ma kellu l-ebda sehem fid-decizjonijiet u l-azzjonijiet tal-*issuer* tal-*bond,* il-provditur tas-servizz ma jistax jinzamm

---

[8] *A fol.* 96
[9] *A fol.* 116

responsabbli ghal dan l-allegat telf sostnut u, ghalhekk, l-ilment ma jistax jigi milqugh.

**Ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru qed jichad l-ilment.**

**Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**